SANTA LUĊIJA
MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija**

**It-Tmien Leġislatura**
**Laqgħa Numru 05-19**

**17 ta' Ottubru 2019**

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Charmaine St John – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Terrence Ellul - Kunsillier
Kylie D'Amato – Kunsillier
Liam Sciberras - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Charmaine St John ippresjediet il-laqgħa.

**5.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji

**5.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa numru 04-19**

**5.2.1 *Mistoqsijiet mill-Kunsilliera***

Il-Kunsillier Liam Sciberras irrefera għall-minuta' 4.12 u irringrazzja lill-Kunsill li għalkemm ma kienx preżenti fil-laqgħa preċedenti xorta ingħatat attenzjoni għall-mistoqsija tiegħu fir-rigward tal-iskema tal-*animal welfare*. Is-Sindku qalet li din il-ġimgħa intalab ċertifikazzjoni tal-ispiża nvoluta u jidher li l-applikazzjonijiet qiegħdin f'fażi ta' evalwazzjoni.

**5.2.2 *Vakanza għal skrivan/a part-time***

Il-Kunsillier Ellul irrefera għall-minuta 4.5.15 u qal li kien hawn skrivana *part-time* li kellha issir *full time*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-iskrivana *part-time* telqet għax bdiet xogħol ġdid. Hija qalet li issa fil-Kunsill hemm spejjeż kurrenti ġodda bħal servizz tad-DPO, servizz ta' Contract Manager u l-Kunsill daħal ukoll għal kuntratti ġodda ta' servizzi li n-nefqa għalihom hija ħafna aktar minn dawk li kien iħallas il-Kunsill qabel. Hija qalet li l-vakanza għall-*staff* klerikali trid tiġi riveduta skond il-bżonnijiet ġodda li riesaq għalihom il-Kunsill u kull spiża trid tiġi nkluża fil-*budget* li jmiss u approvata mill-Kunsill.

**5.2.3 *Ambjent Malta tqassim ta' siġar għall-Kunsill***

Il-Kunsillier Liam Sciberrras irrefera għall-minuta' 4.5.2 u staqsa dwar x'tip ta' siġar ser jingħataw lill-Kunsill. Il-Viċi Sindku ressaq *images* tat-tip ta' siġar li ser jingħataw minn Ambjent Malta. Is-Sindku qalet li barra dawn l-erbgħa u tletin siġra ser jingħataw siġar oħra għal Triq Inez Soler u siġra oħra ser tingħata mill-Fondazzjoni Marigold.

**5.2.4 *Ilmenti***

Il-Kunsillier Liam Sciberras irrefera għall-minuta 4.5.25 u tkellem dwar il-*parking spaces* fi Triq Maria De Domenicis. Huwa qal li hemm *parking spaces* kbar esegerat u ntilef ħafna *parking*. Il-Kunsillier Terrence Ellul qal li l-*parking* immarkat bil-*line* abjad u kulħadd jipparkja ġo dan il-*line*. Is-Sindku qalet li għandna niċċekjaw kemm jistgħu jogħqodu *parking bays* fl-*area* msemmija. Saret diskussjoni wkoll fir-rigward tal-*parking bays* għall-*blue sticker holders* li hemm wara l-knisja u ġie deċiż li jibqa wieħed fis u

jsiru tnejn oħra bil-ħin bħal dak eżistenti biex b'kollox ikun hemm tlett *parking bays* għal persuni *blue sticker holders,* tnejn bil-ħinijiet stabiliti u wieħed għal kull ħin tal-ġurnata.

**5.2.5** ***Proġett tal-Awtorita' tad-Djar***

Il-Kunsillier Terrence Ellul irrefera għall-minuta 4.5.24 u qal li xtaq ikun jaf aktar fuq id-disinn tal-*playing field* li hemm integrat f'dan il-proġett. Is-Segretarju Eżekuttiv ġabet il-pjanti u qamet diskussjoni dwar dan il-proġett. Is-Sindku qalet li dan il-proġett qiegħed fi stadju ta' applikazzjoni għall-permessi mill-Awtorita' tal-Ippjanar.

**5.2.6** ***Approvazzjoni tal-Minuti***

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 04-19 ġew approvati mill-Kunsill.

**5.3** **Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

**5.3.1** ***Approvazzjoni ta' Xiri u Kwotazzjonijiet***

**5.3.2** ***Upgrade tar-Road Map ta' Santa Luċija***

Il-Kunsill approva kwotazzjoni biex isir *upgrade* tar-Road Map li hemm f'Dawret it-Torri. L-ispiża nvoluta tammonta għas-somma ta' €520.00 vat eskluż liema stima ma tinkludiex xogħol fuq l-elettriku.

**5.3.3** ***Vettura għal ġarr ta' materjal***

Il-Kunsill iddiskuta kwotazzjoni għal kiri jew xiri ta' *three wheeler van* li fih ikun jista jinġarr il-materjal li jużaw il-ħaddiema assenjati mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li din il-vettura tinkera għal tlett xhur biex wara dan il-perjodu l-Kunsill jiddeċiedi jekk jixtrix jew ikompli jikri.

**5.3.4** ***Kwotazzjoni għal xiri ta' tabella ta' informazzjoni fuq proġett ta' kisi ta' toroq taħt Miżura 4.3***

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet tlett kwotazzjonijiet biex isiru żewġ tabelli informattivi ħdejn it-toroq li saru taħt Miżura 4.3 f'Wied Garnaw. Il-Kunsill qabel li jmur għal orħos kwotazzjoni. L-ispiża nvoluta tammonta għas-somma ta' €554.60

**5.3.5** ***Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti***

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM05-19 għall-perjodu bejn is-16 ta' Settembru 2019 u l-15 ta' Ottubru 2019 u minn *cheque* numru BOV 7758 sa *cheque* numru BOV 7813.

**5.4 Kommunikazzjonijiet mis-Sindku**

**5.4.1 *Inizjattiva Rebbiegħa fil-Kommunita'- Xettel b'Ilwien in-Natura***

Is-Sindku rreferit għall-inizjattiva Rebbiegħa fil-Kommunita' u nfurmat li l-Kunsill ġie ikklassifikat fit-tieni post f'din il-kompetizzjoni u ser jirċievi is-somma ta €3000.00 bħala premju biex jintefqu għal dan il-għan. Is-Sindku rringrazzjat lil kull min ta s-sehem tiegħu f'din l-inizjattiva.

**5.4.2 *Premju Ħaddiem tas-Sena***

Is-Sindku rreferit għall-inizjattiva Premju Nazzjonali Ħaddiem tas-Sena 2019 li qed jiġi organizzat mill-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u Ugwaljanza. Hija qalet li min jixtieq jinnomina lil xi ħadd għal dan il-premju għandu jinforma lill-Kunsill. Hija qalet ukoll li n-nomini jagħlqu fil-25 ta' Ottubru 2019**.**

**5.4.3 *Talba għal użu tal-Ġnien Ċiniża***

Is-Sindku ressqet talba biex isiru inizjattivi u avvenimenti marbuta ma' ikel Ċiniż. Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa biex jiġi stabbiliti aktar dettalji f'din l-inizjattiva**.**

**5.4.4 *Assenjazzjoni tar-responsabbiltajiet tal-Kunsilliera***

Is-Sindku infurmat li d-Dipartiment Għall-Gvern Lokali kien ġibet l-attenzjoni tal-Kunsill li f'kull qasam elenkat fil-Lista ta' Responsabiltajiet fl-erbatax –il Skeda għandha tiġi assenjata lill-Kunsillier wieħed biss u ma' tistax tiġi assenjata lil aktar minn Kunsillier wieħed. Hija qalet li għaldaqstant qed jiġu riveduti r-responsabiltajiet skond lista li qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti. Il-Kunsill ta l-approvazzjoni tiegħu f'dan ir-rigward.

**5.4.5 *Proposta ta' Bye-Laws dwar reklamar fuq għamara tat-Toroq***

Is-Sindku pproponiet li jsiru *Bye-Laws* dwar reklamar fuq għamara tat -Toroq. Saret diskussjoni u kien hemm qbil dwar id-drittijiet dovuti kif ġej:

| | **Għal perjodu ta' żewġ ġimgħat** | **Għal perjodu ta' xahar** | **Għal perjodu ta' sena** |
|---|---|---|---|
| **Sa nofs metru kwadru** | **€10.00** | **€20.00** | **€75.00€** |
| **Sa metru kwadru** | **€15.00** | **€25.00** | **€125.00** |
| **Sa żewġ metri kwadri** | **€35.00** | **€55.00** | **€250.00** |

Il-Viċi Sindku ppropona li fl-emendi tal-*Bye-Laws* ta' Ġnien is-Serenita għandhom jiġi nklużi rati għar-reklamar fil-ġnien.

**5.4.6 Kompetizzjoni tat-tisjir**

Is-Sindku ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill proposta mis-Segretarju Parlamentari L-Onor. Anthony Decelis dwar kompetizzjoni ta' tisjir immirata l-aktar għal anzjani. Il-Kunsill qabel li jinħarġu l-avviżi lir-residenti. Il-Kunsill qabel ukoll li jerġa jsir eżerċizzju biex tiġi aġġornata d-data tal-*e-mail addresses* li għandu l-Kunsill.

**5.4.7 *Kunċert tal-Korijiet taħt il-Patruċinju tal-E.T Dr George Vella President ta' Malta***

Is-Sindku stiednet lill-Viċi Sindku biex jagħti aktar dettalji dwar dan il-Kunċert. Is-Sur Cutajar qal li saret laqgħa fit-2 ta' Ottubru 2019 li għaliha kien hemm preżenti wkoll il-Kunsilliera Kylie D'Amato u l-Kappillan, flimkien mal-korijiet parteċipanti li huma l-kor Angelic Voices u Joy Gospel. Huwa qal ukoll li hemm il-konferma li dan il-kunċert ser isir taħt il-partruċinju tal-E.T Dr George Vella l-President tar-Repubblika ta' Malta. Huwa elenka xi spejjeż li hemm marbuta ma' dan il-Kunċert li jinkludu *sash* b'tema tal-Milied għall-membri tal-kor Joy Gospel u xalla bit-tema' tal-Milied għal membri tal-kor tat-tfal Angelic Voices. Ser ikun hemm l-ispiża għal kiri tal-Knisja u s-sala tal-kappillan għal diversi *rehearsals* li ser isiru b'rabta ma' dan il-kunċert, kiri ta' dawl addizzjonali u ser jinkera servizz ta' *compere* professjonali u ser ikun hemm bibita' għal membri tal-kor. Is-Sur Cutajar informa wkoll li kull materjal marbut ma' dan il-Kunċert bħal inviti u avviżi jridu jiġu kkonfermati mill-uffiċċju tal-President. Huwa kompla jgħid li ser ikun hemm messaġġi mill-E.T. l-President ta' Malta, mis-Sindku u mill-Kappillan u nforma wkoll fuq is-*seating* skond il-protokol. Il-Viċi Sindku qal ukoll li matul dan il-Kunċert ser jinġabru fondi għall-Malta Community Chest Fund.

Il-Kunsill iddiskuta u ta l-approvazzjoni tiegħu għal dan l-avveniment. Ġie deċiż li l-Kunsill għandu japplika għall-fondi mill-Lesa taħt l-iskema varata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għall-attivitajiet kulturali.

**5.4.8 *Talba minn Richmond Foundation għal użu ta' Ġnien is-Serenita'***

Il-Kunsill iddiskuta applikazzjoni minn Richmond Foundation biex itellgħu attivita fi Ġnien is-Serenita' biex jinġabru fondi għal għajnuna lill-persuni b'mard mentali. Il-Kunsill qabel li l-użu tal-Ġnien għandu jkun mingħajr ħlas iżda jrid isir ħlas minn qabel għat-tindif ta' qabel u wara l-attivita'.

**5.4.9 *Ċirkulari 19/2019 – Sistemi ta' Live-Streaming***

Is-Sindku irreferit għaċ-ċirkulari hawn fuq imsemmija. Il-Kunsill innota bi pjaċir li issa ser ikun possibli li l-laqgħat tal-Kunsill ikunu aċċessibli għall-

pubbliku b'servizz ta' *on-demand* kif kien ilu jiġi propost mill-Kunsill ta' Santa Luċija f'dawn l-aħħar snin. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill irid ikun konformi mal-i*specifications* annessi maċ-ċirkulari msemmija biex meta jkun varat il-portal ċentrali tad-Dipartiment Għall-Gvern Lokali, il-laqgħat ikunu aċċessibli għall-pubbliku minn dan il-portal.

**5.4.10** ***Fanali Ġodda għal Pjazza Dorell***

Is-Sindku rreferit għal *e-mail* li bagħtet il-Kunsilliera Kylie D'Amato dwar is-sitwazzjoni ta' dawl f'Dorell Place. Qamet diskussjoni u l-Kunsill qabel li l-arbli bil-lampi dekorattivi jinbidlu b'sitt arbli bil-lampi ġodda skond kwotazzjoni li ġab il-Kunsill li tammonta għall-€600.00 kull arblu bil-lampa.

**5.4.11** ***Lezzjonijiet tal-karozzi fit-toroq ta' Santa Lucija***

Is-Sindku rreferit għal ilmenti li qed jirċievi l-Kunsill fir-rigward ta' lezzjonijiet tas-sewqan li qed isiru fit-toroq ta' Santa Lucija. Il-kunsillier Liam Sciberras ippropona li dawn il-lezzjonijiet jistgħu jsiru fil-*parking area* tal-knisja. Ġie deċiż li dawn l-ilmenti jintbgħatu għall-attenzjoni ta' Trasport Malta.

**5.4.12** ***MOC Awards 2019***

Is-Sindku irreferit għall-inizjattiva tal-Kumitat Olimpiku Malti u l-avveniment tal-MOC Awards 2019. Qamet diskussjoni u l-Kunsill qabel li jipparteċipa u jipproponi li l-Kunsill jiġi innominat għall-dan l-*Award* għall-ħidma tiegħu mal-Klabb tal-Football ta' Santa Luċija, għall-inizjattiva li daħal għaliha l-Kunsill ma' Santa Lucija Fitness Club biex residenti 60+ jibbenifikaw minn *membership* 24x7 f'dan il-klabb flimkien ma' *fitness classes* ta' kull ġimgħa. Issemma wkoll is-sapport li jagħti l-Kunsill lill-iskola u diversi inizjattivi oħra b'tema sportiva li saru matul is-sena. Il-Kunsillier Terrence Ellul ġie nkarigat jieħu ħsieb din l-inizjattiva.

**5.4.13** ***Inizjattiva Young Warriors 2019***

Is-Sindku qalet li ser tiġbor *team* ta' tnax 'il parteċipant biex il-Kunsill ikun jista' jieħu sehem fl-inizjattiva Young Warriors 2019. Hija qalet li qed tikkomunika mal-Girl Guides ta' Santa Luċija u l-Fondazzjoni Right to Smile dwar il-parteċipanti li ser jirrapreżentaw lill-Kunsill. Is-Sindku infurmat li l-ħlas dovut biex il-Kunsill jipparteċipa hu ta' €25.00 kull parteċipant. Il-Kunsill ta l-approvazzjoni tiegħu għal din il-proposta.

**5.4.14** ***Attivita tal-Halloween mill-Fondazzjoni Right to Smile***

Il-Kunsill ta l-approvazzjoni għal użu tal-Ġnien is-Serenita' biex tiġi organizzata l-attivita mill-Fondazzjoni Right to Smile fl-okkażjoni tal-festa

taHalloween. Is-Sindku qalet li l-organizzaturi ser jieħdu ħsieb it-tindif fi tmiem l-attivita'.

5.4.15 ***Proġett tal-Unjoni Ewropea – EYE2020***

Is-Sindku għamlet referenza għall-inizjattiva EYE2020 u qalet li l-Kunsilliera Liam Sciberras u Kylie D'Amato ħadu ħsieb iħejju l-applikazzjoni biex il-Kunsill jipparteċipa f'din l-inizjattiva. Il-Kunsillier Sciberras ta spjegazzjoni dwar dan il-proġett u qal li hu kien diġa ipparteċipa f'dan il-proġett li fuq inizjattiva tal-Assoċjazzoni tal-Kunsilli Lokali.

5.4.16 ***Laqgħa ma' Infrastructure Malta***

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar laqgħa li kellha ma' uffiċjali ta' Infrastructure Malta dwar il-proġett tal-Promenade. Hija qalet li ser tkun qed tuża il-pjanti li għandu l-Kunsill biex tinforma lir-residenti dwar dan il-proġett. Qamet diskussjoni u s-Sindku qalet li ser tkun qed titkellem mal-perit tal-Kunsill dwar il-*belvederes* u s-siġar kif ukoll iċ-ċint li jrid jitla' minn naħa tal-għelieqi.

5.4.17 ***Ħarġa Kulturali***

Is-Sindku qalet li kienet ser torganizza ħarġa kulturali għar-residenti. Hija qalet li ser issir quddiesa u wara ser iżuru Ħagar Qim. Is-Sindku nfurmat li din il-ħarġa ser issir fis-26 ta' Novembru 2019.

5.4.18 ***Servizz ta' Tindif u Manutenzjoni tal-Latrini Pubbliċi***

Is-Sindku semmiet is-servizz li qed jingħata mill-Kuntrattur fuq il-Kuntratt hawn fuq imsemmi. Hija qalet li dan is-servizz qed ikun sodisfaċenti.

5.4.19 ***Lista ta' siġar li għandhom bżonn li jinżabru***

Is-Sindku ressqet lista ta' siġar li għandhom bżonn jinżabru. Hija qalet li din ser tintbgħat lill-Kunsilliera biex jaraw jekk iridux iżidu xi siġar mal-lista eżistenti.

5.4.20 **Inizjattiva favur residenti b'diżabilita' f'Santa Luċija**

Is-Sindku spjegat kif fuq inizjattiva tal-Kunsilliera Kylie D'Amato ser tintbgħat ittra lill-persuni b'diżabilita' li hawn fil-lokalita ta' Santa Luċija. Hija qalet li din l-inizjattiva għandha l-għan li l-Kunsill jisma l-bżonnijiet ta' dawn ir-residenti u jara kif jista jkun ta' għajnuna. Hija qalet ukoll li minħabba d-*data protection* dawn l-ittri ser jitqassmu mill-CRPD.

**5.4.21** ***Ġnien is-Serenita'***

Is-Sindku qalet li l-Viċi Sindku ser ikun qed jaħdem fuq proposta biex Ġnien is-Serenita' jiġi dikjarat żona turistika. Il-Viċi Sindku tkellem dwar din il-proposta li ntlaqgħet tajjeb ħafna mill-Kunsill.

**5.4.22** ***Deputat Segretarju Eżekuttiv***

Is-Segretarju Eżekuttiv innominat lis-Sinjura Doris Baldacchino, Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv għal Kunsill ta' Santa Luċija. Il-Kunsill approva din in-nomina.

**5.5** ***Laqgħa Pubblika***

Il-Kunsill iddiskuta l-minuti u l-andament tal-laqgħa pubblika li saret kif stipulat fil-liġi għall-Gvern Lokali Kap 363, Artiklu 3a. Ġie innutat li għal din il-laqgħa attendew numru sabiħ ta' residenti li għamlu l-kummenti u suġġerimenti tagħhom fuq il-Pjan ta' Ħidma li nqara mis-Sindku. Il-Kunsill innota wkoll li kien hemm xi mumenti ta' tensjoni meta nqagħlu xi argumenti bejn xi residenti. Fuq proposti li nbagħtu mill-Kunsill Terrence Ellul u Liam Sciberras, il-Kunsill qabel li bħala prekawzjoni għandu jibda jkun hemm servizz ta' pulizija, għandu jkun hemm *code of ethics* fuq l-imġieba ta' min jattendi u għandu jkun hemm ħin stabbilit ta' kemm wieħed jista jdum jitkellem fl-interventi li jsiru.

**5.5.1** ***Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Pubblika***

Il-Minuti tal-Laqgħa Pubblika ġew approvati mill-Kunsill.

**5.6** ***Offerta SLLC SS(57-19-03) Servizz ta' Knis u Tindif ta' Toroq – Rapport ta' Evalwazzjoni***

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-Rapport ta' Evalwazzjoni għas-sejħa għall-offerti hawn fuq imsemmi. Il-Kunsill iddiskuta dan ir-rapport u r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Evalwazzjoni biex dan il-kuntratt jingħata lill-Progressive Solutions Ltd li tefgħu l-aħjar offerta bil-BPQR. Il-Viċi Sindku qal li dan il-kuntrattur kellu kuntratt ieħor mal-Kunsill u kien waqaf wara ftit xhur. Huwa qal li dakinhar il-Kunsill kien aċċetta r-raġuni li ngħatat u ma ngibditx il-garanzija bankarja. Huwa qal li dan il-kuntrattur għandu jkun avżat minn qabel li l-garanzija bankarja din id-darba tinġibed.

Il-Kunsill qabel ma' dak li qal il-Viċi Sindku u approva r-rakkomandazzjoni tal-kumitat tal-evalwazzjoni biex dan il-kuntratt jingħata lill-Progressive Solutions Ltd.

**5.7** ***Offerta SLLC SF(57-19-05) Provediment u Twaħħil ta' Safety Flooring għall-Bandli – Rapport ta' Evalwazzjoni***

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill r-Rapport ta' Evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti hawn fuq imsemmi. Il-Kunsill iddiskuta dan ir-rapport u approva r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Evalwazzjoni biex dan il-kuntratt jingħata lill-JGC Playon Ltd li tefgħu l-orħos offerta.

**5.8** **Xogħolijiet**

**5.8.1** ***Manutenzjoni fil-Playing Field Area***

Is-Sindku qalet li ser ikun qed isir xogħol ta' manutenzjoni u tisbieħ fil-*playing field area* mill-ħaddiema tal-FTZ. Il-Viċi Sindku qal li dan ix-xogħol ser jinkludi zebgħa tal-Playing Field *equipment* u *refreshing* tal-art kif ukoll manutenzjoni tal-bankijiet tal-injam.

**5.8.2** ***Tindif u manutenzjoni ta'gutters f'Dawret it-Torri / Prinjoli***

Il-Kunsill ġie nfurmat li ser isir xogħol ta' tindif u manutenzjoni ta' *gutters* fi Triq Prinjoli u Dawret it-Torri. Il-Kunsill kien infurmat ukoll li l-istima tammonta għas-somma ta' €1,970.60 VAT inkluż u din ma tinkludix ix-xiri ta' *iron gratings*. Il-Kunsillier Terrence Ellul ġibed l-attenzjoni li s-sena li għaddiet kien sar it-tindif u manutenzjoni tal-*gutters* mill-istess ħaddiema tal-iStorm and Water Valley Management u kien għad irid issir manutenzjoni fuq xi wħud mill-*gutters* li ma leħqux tlestew.

**5.8.3** ***Xogħol fuq gutter fi Triq Pensjeri u rampa fi Triq Gardenja quddiem block 10***

Is-Sindku qalet li talbet għall-kwotazzjoni fuq xogħol biex jiġi rrangat il-*culvert* fi Triq Pensieri u ssir rampa fi Triq Gardenja quddiem block 10 biex jiġi faċilitat l-aċċess għal persuna b'diżabilita' li tinsab f'*wheelchair.*

**5.9** ***Attivitajiet tal-Milied***

Is-Sindku elenkat dawn l-attivitajiet għal żmien il-Milied:

- Kunċert tal-Milied li ser isir fl-14 ta' Diċembru 2019
- Dinner Dance li ser isir f'Lukanda fil-Qawra fid-19 ta' Diċembru 2019
- Attivita għat-Tfal li ser issir fid-29 ta' Diċembru 2019.

**5.10** ***Mistoqsijiet tal-Kunsilliera***

Il-mistoqsijiet li għamlu l-Kunsilliera kienu jirrigwardaw il-Laqgħa Pubblika u ġew innutati waqt li l-Kunsill iddiskuta din il-Laqgħa li kienet fuq l-Aġenda.

**5.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss u data tal-Laqgħa tal-Lokalita'**

Il-laqgħa intemmet fis-7.30p.m. Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 25 ta' Novembru 2019 fil-5.30p.m. Il-laqgħa tal-Lokalita' ser issir nhar it-Tnejn 9 ta' Diċembru 2019 fil-5.30p.m.

**Konfermati, illum il-__________, __ ta' ____________ 2019**

**Iffirmat**
**Charmaine St John**
**Sindku**

**Iffirmat**
**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

| | |
|---|---|
| L-Indafa | Frederick Cutajar |
| L-Ambjent | Charmaine St John |
| Iż-Żgħażagħ u Tfal | Kylie D'Amato |
| Sports u Attivitajiet Fiżiċi | Terrence Ellul |
| L-Innovazzjoni | Terrence Ellul |
| L-Infrastruttura | Charmaine St John |
| Proġetti | Charmaine St John |
| L-Anzjani | Charmaine St John |
| L-Edukazzjoni | Liam Sciberras |
| Il-Kultura | Frederick Cutajar |
| Komunitajiet | Terrence Ellul |
| Il-Qasam Soċjali | Terrence Ellul |
| L-Integrazzjoni Soċjali | Liam Sciberras |
| Il-Ħarsien tal-Annimal | Kylie D'Amato |
| | |
| | |